KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/62/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 62**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, Il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Borg Myatt. Il-Kunsillier Ferris kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 61**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 4.5** – Il-Kunsillier Dalli qal. Is-Sindku u l-kunsillier Seychell qalu biex jitwahhlu l-bandli u titranga l-bandla mkissra.

Il-Kunsill ddiskuta wkoll dwar il-bandli li hemm fi Triq San Alwigi. Il-Kunsill qabel li jingiebu l-kwotazzjonijiet.

2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra mill-iskola Primarja B – Is-Surmast ta' l-iskola, is-Sur Emanuel Grech baghat ittra dwar *Oxford Reading Tree website* fejn talab l-ammont ta' €2,000 biex il-Kunsill jisponsorja dawn il-kotba Il-Kunsillier Dalli talab permess biex jittiehdu l-flus ghal dawn il-kotba mill-budget ta' l-edukazzjoni. Hu zied jghid li ser jikkorispondi mas-surmast dwar dan. Il-membri tal-Kunsill approvaw budget ta' €300.00 .

2.2 – Ittra minghand residenti fi Triq il-Malvizz c/w Triq San Frangisk – Diversi residenti baghtu ittra biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Malvizz c/w Triq San Frangisk. Il-kunsill qabel li tintbaghat ittra lit-TM.

2.3 – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar l-ittra dwar *car free day*.

### 3) **Jum Paola**

3.1 – Is-Segretarju qal li nhargu l-posters dwar Jum Paola 2011. Hu qal li hemm bzonn li jsir platform ghac-celebrazzjoni ta' Jum Paola. Il-kwotazzjonijiet li ngiebu huma ta' GNG ghall-prezz ta' €550 + VAT, Mark Donald Galea ghall-prezz ta' €800 u Ta' Falzon Landrovers Ltd ghall-prezz ta' €700 + VAT. Wara diskussjoni, gie deciz li jingiebu aktar kwotazzjonijiet u l-orhos offerta tintghazel awtomatikament.

3.2 – Saret diskussjoni dwar id-dawl li ser jintuza' f'Jum Paola. Il-kwotazzjoni li ngiebet hija ta' Sound Generation €400 + VAT. Il-Kunsill approva.

3.4 – Il-Kunsillier Lynch tkellem dwar it-tokens li gew ordnati ghall-Jum Paola. Il-Kunsill approva.

### 4) **Festa 2011**

4.1 – Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill minhabba li l-Kunsill kien approva li jithallsu l-gandlieri tal-kappillan, imma d-Dipartiment tal-Kunsill Lokali nforma lill-Kunsill li din ma tistax issir.

4.2 – Il-Kunsillier Dalli qal li l-Kunsill irid jiddiskuti l-Isem tal-Gnien Gaddhafi. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li din hija materja sensittiva hafna u ghandha tigi diskussa aktar tard wara li tigi risolta b'mod car il-kwistjoni tal-Libja.

### 5) **Green MT**

5.1 – Is-Segretarju ressaq il-proposti tal-Green Pak ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni, sar qbil li l-kuntratt tal-Green Mt jigi tterminat permezz ta' l-Avukat ghax ma giex onorat. Gie deciz ukoll biex nitolbu l-Green Pak biex jipprovdulna d-dustbins anke f'Jum Paola 2011.

### 6) **Public Convenience**

6.1 – Saret diskussjoni biex dwar il-hinijiet tal-public convenience ta' Gnien pawlu Boffa. Wara diskussjoni, gie deciz li l-hinijiet jitwalu u tibqa' aktar miftuha sad-9.00pm ghal perjodu bi prova ta' 3 xhur .

6.2 – Sater diskussjoni dwar il-public convenience ta' Triq il-Foss. Sar qbil biex il-Perit jaghmel stima tax-xoghol li hemm bzonn isir biex titranga u tinhareg quotation.

Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**Re Cekk Nru 3739** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan. Is-Sindku qal li dan il-pagament huwa ta' Leo's garage li huwa l-hlas tal-coach tal-harga ghal Ghawdex.

**Re Cekk Nru 3768** – Il-Kunsillier Seychell staqsa dwar dan. Is-Segretarju qal li dan il-pagament hwa ta l-injam biex jissewew xi bankijiet.

**Re Cekk Nru 3771** - Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan. Is-Sindku qal li dan il-pagament huwa tal-kuruna tal-Festa Kristu Re 2011.

**Re Cekk Nru 3769** – Il-Kunsillier Seychell qal biex niccekkjaw dan il-pagament tal-Wasteserv.

Il-Kunsillier Borg Myatt qal li hu kien baghat e-mail fejn issuggerixxa biex issir mappa kbira ta' Paola fejn ikun hemm immarkat l-postijiet interessanti li ghandna fil-lokal.

Saret diskussjoni fejn sar qbil li ghandhom jinhargu t-*tenders* ta' *Supply & Installation for photovoltaic panels, Road Marking Paint, cleaning & patching* fi Triq il-Bacir, *camera* fi Triq il-Qalb ta' Gesu', u *printing of booklet*. . Sar qbil ukoll li tinhareg kwotazzjoni ghall-purtieri ghas-sala tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Lynch ssuggerixxa li tigi organizzata harga ghall-Ghawdex nhar il-Hamis 1 ta' Settembru 2011. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

Il-Kunsillier Lynch issuggerixxa wkoll li jsir bbq fi Gnien Pawlu Boffa nhar is-Sibt 6 ta' Awissu 2011. Il-Kunsill ma approvax.

Wara diskussjoni, sar qbil li jigi organizzat bbq nhar il-Gimgha 5 ta' Awissu 2011. Il-Kunsillier Lynch ghandu jiccekkja dwar il-post.

7) **Aggornament**

7.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 9 ta' Awissu 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 13 Sept 11

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku